# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 41**

**Rikors numru 1240/09 GC**

**Tourist Services Limited (C.3890)**

**v.**

**(1) Naxas Srl u**

**(2) David Vernice bhala garanti solidali mal-kumpanija Naxas Srl**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet is-socjeta` attrici fit-18 ta' Dicembru, 2009, u li jaqra hekk:

1. "Jiena ghandi r-rappresentanza guridika tas-socjeta' attrici.

2. "Illi l-intimati solidalment bejniethom huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' disa mija u tmienja u erbghin elf u ghaxar euro u seba u disghin centezmu (€948,010.97) rapprezentanti hlasijiet garantiti miftiehma bejn l-partijiet ghall-provizzjoni ta'

akkomodazzjoni u taxxa fuq il-valur mizjud [VAT] skond "request for payment" [Dokument A] mahrug ai termini ta' kuntratt "Allocation Contract" iffirmat fil-5 ta' Dicembru 2008 [Dokument B[.

3. "Illi dan il-kuntratt ta' Allokazzjoni [ta' akkomodazzjoni[ gie xolt ai termini tal-klawsola 10 stante inadempjenza kuntrattwali da parte tal-konvenuti [Dokument C].

4. "Illi kif jirrizulta minn klawsola 18 tal-kuntratt fuq imsemmi dokument A il-konvenut David Vernice iggarantixxa solidalment mal-konvenuta Naxas Srl l-obligazzjonijiet kollha assunti mill-istess socjeta Naxas Srl inkluz dawk ta' hlas.

5. "Illi l-intimati qatt ma ikkontestaw is-somma dovuta anzi dejjem weghdu pagament u sahansitra baghtu dokumenti bankarji sabiex jippruvaw li kienu baghtu pagamenti akkont liema dokumenti wara rrizultaw li kienu foloz u r-rikorrenti qeghda tirrizerva tipprocedi kriminalment f'dan ir-rigward. [Faxxikolu pprezentat bhala Dokument D].

6. "Illi f'dawn il-proceduri r-rikorrenti qeghda tillimita t-talba taghha versu s-somma ta' hames mitt elf euro (€500,000) rappresentanti parti mis-somma fuq indikata bhala introjtu garantit ghall-provizzjoni ta' allokazzjoni u akkomodazzjoni u servizzi ancillari provduti mis-socjeta' attrici lill-konvenut fil-Hotel Cavalieri f'San Giljan, Malta u dan b'rizerva ghall-hlas tal-bilanci dovuti. L-ammonti indikati huma certi, likwidi u dovuti.

7. "Illi l-intimati gew interpellati diversi drabi bil-fomm u bil-miktub, sabiex ihallsu l-imsemmi debitu, izda baqghu inadempjenti.

8. "Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

9. "Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talbiet tar-rikorrenti u illi jirrikorru l-elementi rikjesti mill-Artikli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

10. "Illi Anthony R. Borg jaf bil-fatti suesposti personalment.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-kumpanija rikorrenti titlob umilment li dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarju u opportuna, joghgobha:

"(1) Tisma' u tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili,

"(2) tiddikjara illi l-intimati solidalment bejniethom ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt elf euro (€500,000), dovuti kif qabel spjegat;

"(3) tikundanna lill-intimati solidalment bejniethom jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hames mitt elf euro (€500,000), dovuti kif qabel spjegat.

"Bl-imghax legali minn kull skadenza kif jirrizulta mir-"request for payment" fuq riferit, sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-Mandat ta' Sekwestru kwatelatorju Nru. 1996/2009 kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti minn issa ghas-subizzjoni".

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Naxas Srl li in forza taghha eccepiet illi:

1. "Illi preliminarjament is-socjeta' attrici m'ghandiex dritt titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' t-talbiet taghha bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikoli 167 *et.seq*. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex filwaqt illi fil-premessi taghha qedha tiddikjara illi s-socjeta' intimata Naxas S.R.L. m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet taghha, fl-istess nifs, qedha tidderigi lill-istess socjeta' intimata sabiex tipprezenta r-risposta mahlufa taghha fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika.

2. "Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa wiehed ferm eccessiv u m'huwiex dovut fl-intier tieghu peress illi kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok **NS2**, is-socjeta' intimata Naxas S.R.L. kienet diga hallset lis-socjeta' attrici s-somma ta' miljun erba' mija u dsatax-il elf disa' mija u sebgha u sebghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€1,419,977.29) akkont tal-ammonti dovuti lilha bhala "Guaranteed Payments" in forza tal-"Allocation Contract" datat 5 ta' Dicembru 2008 (kopja anessa mar-rikors guramentat promotur bhala Dokument B).

3. "Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

"Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici".

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-15 ta' Gunju, 2010, li biha gew ceduti l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenut David Vernice:

Rat il-verbal tal-14 ta' Ottubru, 2010, quddiem l-ewwel Qorti minn fejn jirrizulta li s-socjeta` konvenuta irtirat l-eccezzjoni preliminari taghha;

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Novembru, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

> "fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni fil-meritu tas-socjeta' konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt elf euro (€500,000), dovuta kif indikat fir-rikors promotur u dan bl-imghax legali kif mitluba sal-pagament effettiv.
>
> "Spejjez kollha jithallsu mis-socjeta' konvenuta bl-eccezzjoni tal-ispejjez tal-konvenut Vernice li jithallsu mis-socjeta' attrici".

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Bil-presenti proceduri s-socjeta' attrici Tourist Services Limited qed ticcita in gudizzju lis-socjeta' konvenuta Naxas Srl u lil David Vernice personalment bhala garanti solidali mal-istess socjeta konvenuta, bit-talba li l-konvenuti solidalment bejniethom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt elf euro (€500,000), rapprezentanti hlasijiet garantiti miftiehma bejn il-partijiet ghall-provizzjoni ta' akkomodazzjoni oltre t-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) skond "request for payment" anness mar-rikors promotur u markat Dokument A, li hu mahrug a bazi tal-kuntratt ta' allokazzjoni tal-5 ta' Dicembru 2008 li kopja tieghu giet ukoll annessa mar-rikors promotur u market bhala Dokument B.
>
> "Effettivament s-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' disa mija u tmienja u erbghin elf u ghaxar euro u seba u disghin centezmu (€948.010.97) pero' l-istess socjeta' attrici qeghda tillimita t-talba taghha ghall-imsemmija somma ta' hames mitt elf euro (€500,000). Is-somma mitluba, ghalhekk, hi parti minn somma akbar li s-socjeta' attrici tippretendi li ghandha tiehu minnghand is-socjeta konvenuta, liema somma tirappresenta introjtu garantit ghall-provizzjoni ta' allokazzjoni u akkomodazzjoni u servizzi ancillari provduti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fil-Hotel

Cavalieri f'San Giljan, Malta. Ovvjament is-socjeta' attrici irriservat li eventwalment tagixxi kontra s-socjeta' konvenuta u kontra l-konvenut ghall-hlas tal-bilanc li jkun fadal.

"Fir-rikors promotur is-socjeta' attrici tallega li l-imsemmi kuntratt ta' allokazzjoni gie xolt skond it-termini u l-kondizzjonijiet kontenuti fl-imsemmi kuntratt, in partikolari fil-klawsola 10 u dan gie xolt mill-istess socjeta' attrici minhabba l-inadempjenza kuntrattwali tas-socjeta' konvenuta. Skond klawsola 18 tal-imsemmi kuntratt il-konvenut David Vernice iggarantixxa solidalment mas-socjeta' konvenuta l-obligazzjonijiet kollha assunti mill-istess socjeta' konvenuta inkluz dik tal-hlas. Jigi rilevat li s-socjeta' attrici bin-nota taghha tal-15 ta' Gunju 2010 cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenut David Vernice pero' zammet ferm l-atti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta. Skond is-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta qatt ma ikkontestat is-somma dovuta u dejjem weghded li ser thallas u fil-fatt l-istess socjeta' konvenuta baghtet dokumenti bankarji biex turi li kienet effettwat il-pagament relattiv. Dejjem skond is-socjeta' attrici sussegwentement irrizulta li dawn id-dokiumenti bankarji kienu foloz.

"Da parti taghha s-socjeta' konvenuta taghmel sottomissjonijiet preliminari dwar it-talba attrici sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh. In effett is-socjeta' konvenuta giet ammessa biex tippresenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha u konsegwentement l-istess socjeta' konvenuta rtirat din l-eccezzjoni preliminari. (vide verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2004). Is-socjeta' konvenuta inoltre teccepixxi li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u m'huwiex kollu dovut peress li s-socjeta' konvenuta gia' hallset lis-socjeta' attrici s-somma ta' miljun erba' mija u dsatax-il elf disa' mija u sebgha u sebghin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€1,419,977.29) akkont tal-ammonti dovuti bhala "Guaranteed Payments."

"In vista ta dak li gie rilevat sa issa l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront tal-konvenut David Vernice stante c-cessjoni tal-atti tal-kawza fil-konfront tieghu. Peress li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta giet irtirata, jibqa biss li tigi trattata bhala eccezzjoni dik fil-meritu.

"Jidher li s-socjeta' konvenuta, qabel ma gew inizjati dawn il-proceduri, ghamlet minn kollox biex tevita li thallas dak li kien qed jigi mitlub thallas mis-socjeta' attrici. Jirrizulta li diversi drabi s-socjeta' konvenuta ppromettiet li ser thallas, pero' in effett tali hlas qatt ma wasal. Jidher ukoll li l-istess socjeta' konvenuta qatt ma kkontestat l-ammonti li kienet qed tigi mitluba li thallas.

"Is-socjeta' attrici ggestixxi l-lukanda Cavalieri li tinsab gewwa San Giljan, mentri s-socjeta konvenuta hi kumpanija Taljana, li hi ukoll inkorporata jew registrata hawn Malta bhala "overseas company," u topera fis-settur tat-turizmu b'mod specjali dak taljan lejn Malta. Fil-5

ta' Dicembru 2008 is-socjeta' attrici u dik konvenuta ghamlu kuntratt li sejjhulu bhala "allocation contract." B'dan il-kuntratt, li kellu jibqa fis-sehh mill-1 ta' Frar 2009 sal-ahhar ta' Jannar 2024. is-socjeta' attrici obbligat ruhha li tipprovdi numru ta' kmamar a favur tas-socjeta' konvenuta fl-imsemija lukanda, f'liema kmamar l-istess socjeta' konvenuta kellha takkomoda l-klijenti taghha. Skond l-imsemmi kuntratt is-socjeta' konvenuta  obbligat ruhha li taghmel pagamenti mensili "garantiti" lis-socjeta' attrici fil-forma ta' hlasijiet ghall-kmamar mizmuma ghall-klijenti taghha. Dawn il-pagamenti m'ghandhomx jitqiesu li kienu xi forma ta' pagament ta' kera izda kienu pagamenti in konsiderazzjoni tal-obbligi assunti mis-socjeta' attrici li tirriserva numru ta' kmamar ghall-uzu tal-klijenti tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici ddikjarat li t-talba "ridotta" taghha fil-presenti proceduri tirreferi ghal parti  minn dawn il-pagamenti garantiti li allegatament ghadhom mhux imhallsa.

"Oltre l-imsemmija pagmenti mensili, skond il-klawsola 3 tal-kuntratt in kwestjoni, s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas is-somma komplessiva ta' €1,443,000 ghal dak li l-partijiet sejjhu "Security Deposit Payments" u dawn bhala garanzija ghall-obbligazzjonijiet li s-socjeta' kovenuta assumiet versu s-socjeta' attrici bl-imsemmi kuntratt. L-imsemmija somma kellha tithallas ratealment skond kif indikat propju fil-kuntratt. Skond il-ftehim l-imsemmi ammont kellu jibqa f'idejn is-socjeta' attrici pero' kellu jitqies li huwa tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici kellha tirritorna l-imsemmi ammont jew ammont izghar fl-gheluq tal-kuntratt anke jekk dan jigi terminat qabel it-terminu tieghu ghal raginijiet stipulati fil-kuntratt. Is-socjeta' attrici kellha d-dritt li tiehu l-ammonti li kienu dovuti lejha skond il-kuntratt mill-imsemmija depositi..

"Skond il-klawsola 8 inoltre s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici fil-gestjoni tal-lukanda. Il-partijiet iddikjaraw li dawn l-ispejjes jinkludu dawk fissi u varjabbli li huma necessarji biex jigu gestiti l-lukanda u r-ristorant tal-istess lukanda.

"Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ghamlet diversi pagamenti pero' qatt ma specifikat in-natura tal-pagament u lanqas specifikat jekk il-pagament kellux jigi allokat bhala pagament garantit, jew bhala depositu jew bhala rimbors ta' spejjez.  Is-socjeta' attrici kienet talloka l-pagamenti kif kien jidhirlha filwaqt li s-socjeta' konvenuta tikkontendi li l-pagamenti li saru kienu kollha intizi li kienu bi hlas tal-imsemmija pagamenti garantiti.

"Jidher li l-partijiet sostanzjalment jaqblu li sakhemm gie terminat il-kuntratt is-socjeta' konvenuta hallset komplessivament is-somma ta' €1,574,090.75. Is-socjeta' attrici tikkonferma li dawn il-flejjes gew alokati minnha kwantu ghal €422,101.72 bhala rimbors ta' spejjez, kwantu ghal €525,000 akkont tad-depositi u r-rimanenti €626,989.03 gew allokati ghall-pagamenti garantiti. Skond is-socjeta' attrici s-

somma komplessiva dovuta bhala pagamenti garantiti sa Ottubru 2009 kienet tammonta ghal €1,575,000. u wara li l-pagamenti gew allokati kif intqal, skond is-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta fadallha thallas bilanc ta' €948,010.97.

"Is-socjeta' konvenuta pproduciet xhud wiehed biss, cioe' lil Patrizia Valentini, li kkonfermat li xogholha fl-Italja kien jikkonsisti biss filli tirregistra informazzjoni li kienet tigi minn Malta. In effett din ix-xhud ma tantx ikkontribwit ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza, li hi kollha kemm hi inpernjata fuq il-mod kif  ghandhom jigu allokati l-hlasijiet li saru mis-socjeta' konvenuta. In effett is-socjeta' konvenuta ssostni li fadallha thallas biss bilanc ta' circa  €27000 u dana fil-forma ta' pagamenti mensili garantiti. Donnu s-socjeta' konvenuta qed tinsa li apparti dawn il-pagamenti mensili, skond il-kuntratt kellha taghmel pagamenti ta' natura ohra cioe' d-depositi u r-rimbors tal-ispejjez. Barra minn hekk jista jigi rilevat li s-socjeta' konvenuta ghada lanqas ma hallset l-imsemmi bilanc li skond hi ghadu dovut lis-socjeta' attrici u li ma jidhirx li hu kontestat.

"Kif gia gie indikat hu evidenti li l-partijiet qed jallokaw il-pagamenti li saru mis-soceta' konvenuta b'mod differenti.  L-artikolu 1168 tal-Kodici Civili jipprovdi li d-debitur li jkollu izjed minn dejn wiehed, ghandu jedd jiddikjara, fil-waqt tal-hlas, liema huwa d-dejn li jrid ihallas. Is-socjeta' konvenuta m'ghamlitx tali dikjarazzjonijiet fil-hin li kienet qed taghmel il-pagamenti taghha u issa, f'dan l-istadju, qed tippretendi li l-hlasijiet kollha li ghamlet saru akkont tal-pagamenti mensili garantiti.

"Inoltre s-socjeta' konvenuta tikkontendi li semmai l-ammonti li kienu dovuti kellhom jigu pacuti mas-somma li gia tinsab f'idejn is-socjeta` attrici bhala depositi skond it-termini tal-kuntratt. Inoltre is-socjeta' konvenuta taghmel referenza ghall-Kodici Civili li jipprovdi li meta l-pagament ma jigix imputat ghal xi debitu specifiku fil-hin li jsir l-istess pagament il-hlas ghandu jitqies li sar akkont ta' dak id-dejn li l-pagatur kellu l-izjed interess li jhallas. F'dan ir-rigward is-socjeta' tallega li hi kellha kull interess illi taqta` mill-ammont li kellha thallas bhala allocation payments, cioe' l-pagamenti garantiti. Inoltre s-socjeta' konvenuta tissottometti li s-socjeta' attrici kellha l-obbligu illi talloka l-pagamenti akkont tal-imsemmija pagamenti mensili.

"Il-Qorti ma taqbilx ma din l-ahhar sottomissjoni. Is-socjeta' konvenuta ma ddikjaratx fil-hin li kienet qed taghmel il-pagament ghar-rigward ta' liema dejn kienu qed isiru l-istess pagamenti. Inoltre ma jirrizultax liema dejn is-socjeta' konvenuta kien jaqbillha thallas fil-hin tal-hlas. In effett is-socjeta' konvenuta, skond l-imsemmi kuntratt kienet obbligata li thallas l-imsemmijin tlett tipi ta dejn u ghalhekk kellha interess li thallas kull wiehed minnhom u l-ebda wiehed in partikolari.

> "Hu minnu li skond il-kuntratt is-socjeta' attrici setghat taqta l-ammont li kien dovut lilha mid-depositi li s-socjeta' konvenuta tkun ghamlet mas-socjeta' attrici. Fl-ewwel lok skond il-kuntratt it-total ta' dawn id-depositi kellu jammonta (klawsola 3) ghas-somma ta €1,443,000. liema somma jew parti minnha s-socjeta' attrici kellha d-dritt li zzomm fit-terminazzjoni tal-kuntratt bhala danni likwidati u dana fil-kaz li s-socjeta' konvenuta tonqos li teffettwa l-pagamenti kollha stipulati fil-kuntratt jew xi wiehed minnhom u fil-kaz li s-socjeta' konvenuta tittermina l-kutratt minnghajr pre-avviz. Jirrizulta li in effett s-ocjeta' konvenuta naqset li teffettwa l-hlasijiet kollha kif kellha taghmel skond l-imsemmi kuntratt. Inoltre jidher ukoll li d-socjeta' attrici kkonsidrat li fic-cirkostasnzi prevalenti s-socjeta' konvenuta kellha titqies li tterminat il-kuntratt minnghajr pre-avviz. Ghalhekk is-socjeta' attrici tqies li ghandha, fi kwalunkwe kaz, id-dritt li zzomm l-ammont li jista jkun depositat bhala danni likwidati. Inoltre jirrizulta li s-socjeta' konvenuta stess iddikjarat li kienet abbandunat il-kuntratt.
>
> "In effett l-ammonti pretizi mis-socjeta' attrici jirrizultaw sufficjentement ippruvati permezz tad-dokumenti esibiti u tad-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-istess siocjeta' attrici u kwindi l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti. Mill-banda l-ohra s-socjeta' konvenuta ma rnexxilix tipprova, b'mod sufficjenti, dak li hi ssottomettit fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha u cioe' li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u mhux dovut fl-intier tieghu u konsegwentement l-istess eccezzjoijiet fil-meritu jisthoqqilhom li jigu rigettati".

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din is-socjeta` joghgobha:

> "..tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-somma shiha ta' hames mitt elf Ewro (€500,000), takkolji l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li dan l-ammont huwa ferm eccessiv u tiffissa, fid-diskrezzjoni taghha, s-somma reali dovuta mis-socjeta` konvenuta abbazi tal-provi migbura fil-kawza".

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi l-appell tal-appellanta Naxas Srl ghandu jigi michud bl-ispejjes kontra l-istess appellanta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi s-socjeta` attrici tahdem fil-qasam tat-turizmu u akkomodazzjoni, u topera l-lukanda maghrufa bhala “Cavalieri” gewwa San Giljan. Is-socjeta` konvenuta Naxos Srl hija kumpanija Taljana, imma li hija registrata wkoll f’Malta bhala *overseas company*. Naxas Srl ghandha negozju ta’ *tour operator*, u fost ohrajn, topera fis-suq tat-turizmu Taljan lejn Malta. Fil-5 ta’ Dicembru, 2009, is-socjeta` attrici dahlet f’*allocation contract* mas-socjeta` Naxas Srl. Is-socjeta` attrici intrabtet illi matul dan il-kuntratt (li kellu jibda jopera fl-1 ta’ Frar, 2009, u jibqa’ effettiv sal-ahhar ta’ Jannar, 2024) tipprovdi billi tibbukkja numru ta’ kmamar fil-lukanda taghha li fihom is-socjeta` konvenuta setghet tibghat klijenti taghha. Skont dan il-kuntratt, is-socjeta` konvenuta kellha taghmel tlett tipi ta’ pagamenti lis-socjeta` attrici: (i) *allocation (guaranteed) payments*, imsejha wkoll introjtu garantit, li huma pagamenti dovuti bhala hlas ghall-kmamar mizmuma ghall-klijenti ta’ Naxas Srl; fl-ewwel sena tal-ftehim ir-rata mensili pagabbli mis-socjeta` konvenuta bhala introjtu garantit kienet ta’ €175,000, pagabbli fil-bidu tax-xahar; (ii) *security deposits* li s-socjeta` konvenuta obbligat ruhha thallas b’pagamenti mensili, sa €1,443,000, biex iservu ta’ garanzija matul il-

perijodu tal-kuntratt ghall-obbligazzjonijiet inkorsi mis-socjeta` konvenuta; skont il-ftehim is-socjeta` attrici kienet intitolata illi zzomm l-ammont depozitat bhala danni prelikwidati f'kaz ta' ksur tal-kuntratt (per ezempju, nuqqas ta' pagamenti mensili kif stipulat) da parti tas-socjeta` konvenuta; u (iii) rimbors ta' spejjez direttament inkorsi mis-socjeta` attrici fil-gestjoni tal-lukanda ghal zmien li s-socjeta` konvenuta ntrabtet li thallas fil-ftehim. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ghamlet xi pagamenti, izda peress li naqset milli tkun konsistenti u regolari fil-hlasijiet li kellha taghmel, il-kuntratt ta' bejn il-partijiet gie terminat.

Naxas Srl hallset ammont totali ta' €1,574,090.75. Dawn gew allokati kif gej:

-€422,101.72 [€322,752.69 + €93,499.03 + €5,850] f'rimbors tal-ispejjez li kellhom jigu dovuti skont il-kuntratt. L-ispejjez fil-fatt thallsu kollha.

-€525,000 akkont tas-*security deposits*

-Ir-rimanenti €626,989.03 gew allokati ghall-*guaranteed* (*allocation payments*).

L-ammont totali dovut f'*allocation payments* ghall-perijodu sa meta gie terminat il-kuntratt (Frar sa Ottubru 2009) huwa ta' €1,575,000 [€175,00 x 9 xhur].

Jekk mill-€1,575,000 wiehed inaqqas l-ammont ta' €626,989.03 allokat akkont tal-*allocation payments* jibqa' **bilanc dovut** f'*allocation payments* ta' €948,010.97.

Is-socjeta` attrici appellata, biex tnaqqas mill-ispejjez legali u gudizzjarji, ghazlet li ma tipprocedix ghall-ammont kollu izda illimitat it-talba taghha ghal €500,000.

L-ammonti dovuti qatt ma gew ikkontestati qabel infethet din il-kawza anzi kien hemm diversi weghdiet ta' pagamenti li qatt ma gew onorati.

Il-kwistjoni bejn il-partijiet f'din il-kawza hija inpernjata fuq il-mod kif ghandhom jigu allokati l-hlasijiet li saru mis-socjeta` konvenuta. L-ewwel Qorti accettat il-mod ta' allokazzjoni li saret mis-socjeta` attrici, izda s-socjeta` konvenuta appellat u tissottometti li l-hlas kellu jigi allokat kollu ghall-introjtu garantit (*allocation payments*).

Huwa fatt li skont il-ligi, precizament l-Artikolu 1168 (1) tal-Kodici Civili, id-debitur, f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta, kellu dritt, ma kull

pagamenti li jaghmel, jiddikjara liema huwa d-dejn li jrid ihallas. Jirrizulta, pero`, li mal-hlasijiet li kienet qed taghmel is-socjeta` konvenuta ma kenitx talloka l-hlas ghal xi dejn partikolari. Hija kienet biss tibghat il-flus, minghajr ma tghid xejn fuq l-allokazzjoni taghhom.

Is-socjeta` konvenuta taghmel referenza ghall-Artikolu 1171 (f) tal-Kodici Civili li jiddisponi li meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-hlas, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi, fiz-zmien tal-hlas, id-debitur kellu l-izjed interess li jhallas. Is-socjeta` konvenuta tissottometti illi hi kellha interess thallas l-*allocation payments*, peress illi s-*security deposits* kienet tehodhom lura fit-tmiem il-kuntratt.

Din il-Qorti ma taccettax din is-sottomissjoni. Skont il-kuntratt, is-socjeta` konvenuta kellha taghmel tlett tipi ta' pagamenti, u n-nuqqas ta' hlas ta' kwalunkwe wiehed minn dawn il-pagamenti seta' jwassal ghat-terminazzjoni tal-ftehim. Kieku l-pagamenti li saru gew allokati ghall-*allocation payments*, hija kienet titlef id-dritt li tkompli tuza l-lukanda tas-socjeta` attrici, peress li kienet taqa' lura fil-pagamenti l-ohra. Il-veru interess tas-socjeta` konvenuta kien li l-pagamenti jitqassmu bejn it-tlett tipi ta' hlasijiet pattwiti, biex b'hekk izzomm il-kuntratt fis-sehh u tkompli tuzufruwixxi mis-servizzi li intrabtet li tofri s-socjeta` attrici. Veru li s-*security deposits* setghet tehodhom lura fi tmiem il-kuntratt, izda dan setghet taghmlu jekk ma tiksirx it-termini tal-

kuntratt. Jekk il-hlasijiet jigu allokati kollha ghal *allocation payments*, kienet taqa' lura fil-hlasijiet l-ohra u titlef id-dritt li tiehu lura s-*security deposits*; dan ma kienx fl-interess taghha. Hi kellha interess biex, kemm jista' jkun, thallas it-tlett tipi ta' pagamenti dovuti b'mod l-istess, biex ma tkunx *in default* tal-kuntratt. Din il-Qorti, ghalhekk, taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li s-socjeta` konvenuta kellha interess li thallas kull wiehed mit-tipi ta' pagamenti li kellha taghmel u l-ebda wiehed in partikolari.

Dwar iz-zamma tas-*security deposits* da parti tas-socjeta` attrici, anke hawn taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet abbandunat il-kuntratt, u li kienet waqghet lura fil-pagamenti dovuti bi ksur lampanti tal-obbligi taghha taht il-kuntratt. Skont il-kuntratt, in-nuqqas ta' pagament taht wiehed mit-tipi ta' pagamenti dovuti, seta' jwassal ghat-terminazzjoni tal-ftehim bis-socjeta` attrici tkun intitolata li zzomm is-*security deposits* bhala danni prelikwidati. Darba jirrizulta li, bhala fatt, is-socjeta` konvenuta naqset li taffettwa l-hlasijiet kollha kif kellha taghmel skont il-kuntratt, hi giet li kisret l-istess kuntratt bid-dritt, allura, tas-socjeta` attrici li zzomm certa hlasijiet li saru bhala danni prelikwidati, kif patwit fl-istess ftehim.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` Naxas Srl billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-

ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-istess socjeta` konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb